MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2007

Numru 41/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**VS**

**VLADICA MARINKOVIC**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Vladica Marinkovic, ta' 30 sena, bin Jovica u Milostilika nee' Lazic, imwieled Nis, Serbia nhar is-6 ta' Settembru, 19676, residenti s-Swieqi, Malta, u detentur tal-passaport numru 005115960;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Frar, 2007 u matul ix-xahrejn qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija kienet giet furnuta lilhu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 8(a), 9(1)(a)(b), (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi hekk kif dedotti konrtrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------